MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2009

Numru 751/2000

Il-Pulizija
(Supretendent Carmelo Bartolo u Spettur Maria Stella Cutajar)

vs

Paul Coleiro

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migbura kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 342956(M) akkuzat talli:

1. nhar it-18 ta' Marzu 2000 ghal habta tad-9:45 ta' filghodu waqt li kien Hal Far, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' serq ta' makkinarju ikkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltin ghad-detriment tal-kumpanija propjetarja 'Malta Stone Company Ltd', kif rapresentata mil-likwidatur Paul Mercieca mill-Madliena u/jew persuni ohra, wera dan il-

hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;
2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' makkinarju, liema serq, li ma jiskorrix l-elf lira Maltin, sar ghad-detriment tal-kumpanija propjetarja 'Malta Stone Company Ltd', kif rappresentata mil-likwidatur Paul Mercieca mill-Madliena u/jew persuni ohra;
3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tammonta ghal aktar minn hames mitt lira Maltin saret ghad-detriment tal-kumpanija propjetarja 'Malta Stone Company Ltd', kif rappresentata mil-likwidatur Paul Mercieca mill-Madliena u/jew persuni ohra.

Rat l-Artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali.

Semghet lill-imputat jaghti l-kunsens tieghu li l-kawza tinstema sommarjament;

Ezaminat ix-xhieda prodotta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;
Ikkonsidrat:

Illi ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-imputat hu akkuzat b'attentat ta' serq aggravat bil-valur, l-istess serq u b'hsara volontarja.

Il-fatti li taw lok ghall-akkuzi huma cari fihom infushom u ma jhallu ebda dubbju dwar il-fatt ta' l-attentat ta' serq mill-fabbrika gja maghrufa 'Malta Stone' sita f'Hal Far. Il-provi juru li dina l-fabbrika kienet temmet l-operazzjonijiet taghha u kienet taht il-kontroll ta' stralcjarju nominat mill-Qorti. Hemm provi cari li l-imputat immanuvra sabiex ibiegh magna minn fost dawk li kien hemm gewwa dina l-fabbrika minghajr il-kunsens u ghad-insaputa tal-istralcjarju li kellu l-kontroll assolut tal-makkinarju u l-oggetti l-ohra kollha li kien hemm gewwa dina l-fabbrika. L-imputat dan ghamlu permezz ta' raggiri u artifizji li permezz taghhom ippersonifika ruhu bhala s-sid u

irnexxielu ihajjar lill-terz biex ibiehlu magna partikolari. Huwa farr indubitat li l-magna kellha valur sostanzjali u ‘l fuq minn elf lira Maltin (Lm1,000). Dan l-attentat ta’ serq tal-magna mill-imputat sfaxxa meta impjegat tas-socjeta’ li kienet nominata stralcjarja waqt spezzjoni ta’ rutina li kienet qeghda taghmel osservat movimenti suspettuzi li wassluh biex jikkonfronta l-persuni, fosthom l-imputat, li kienu fl-ambjenti ta’ gewwa l-fabbrika u sejjah lill-Pulizija. Jirrisulta bhala fatt cert li fil-hin meta interveniet din il-persuna kien propju l-hin meta l-magna b’xi zewg muturi ohra minn fost dawk li kien hemm fil-fabbrika kienet ser tigi trasportata ‘l barra mill-fabbrika. Difatti f’dan il-hin l-imputat u min kien hemm mieghu kienu qed jistennew il-wasla tal-‘crane’ li kien mehtieg sabiex il-magna titpogga fuq it-trailer, li kien gja fuq is-sit.

Illi mill-atti tal-kawza din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni, u dan mill-provi fl-atti li ezaminat, li l-persuni li kienu mal-imputat f’dan il-hin ma kellhom xejn x’jaqsmu u kienu estranji ghal kollox fid-disin li kellu l-imputat liema jirrisulta fic-car kien li jisraq il-magni, ibiegh dik il-kbira u jinkassa l-prezz li kien circa Lm20,000. relattivament l-istess magni l-Qorti waslet ukoll ghall-konvinciment illi kienu l-magni li gew appartati flimkien ma’ dik il-kbira li kienu ser jinsterqu. Altrimenti ma hemm ebda prova li l-imputat kien ser jisraq xi makkinarju jew xi haga ohra almenu f’din l-okkazzjoni. Ghal fatt jekk kellux jew ifformax l-imputat xi intenzjoni li sussegwentament jisraq hwejjeg ohra minn dina l-fabbrika din il-Qorti tghid li dan mhux meritu tal-kawza dment li intenzjoni wahedha minghajr xi att preparattiv ma hux prosegwibbli kriminalment.

Illi ghalhekk mill-provi ezaminati u risultanti mill-atti ma jirrisultax li t-tieni u t-tielet akkuza jistghu ireggu kontra l-imputat u dan ukoll stante li jirrisulta li din il-fabbrika kienet kemm precedentement u anka sussegwentement oggett ta’ diversi serqiet u atti vandali. F’kull kaz m’hemm xejn mill-provi li jinducu lill-Qorti li minghajr dubbju dettat mir-raguni issib l-imputat jinstab hati wkoll tat-tieni u t-tielet akkuzi.

Ghaldaqstant, ssib l-imputat hati tal-ewwel akkuza izda tilliberah mill-bqija. Rat l-Artikolu 41(1), 261(b)(c), 263, 267, 278, 279, 280 tal-Kap 9 u tikkundannah sentejn prigunerija li però wara li qieset il-fatti u rat il-fedina penali tal-imputat qeghdha bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tissospendi ghall-erba’ snin mil-lum sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor fil-perjodu operattiv ta’ erba’ snin.
Ghar-rigward il-konfiska tal-vettura li biha l-imputat fil-hin tar-reat, apparti l-fatt li mill-provi jirrisulta li l-vettura mhiex tieghu, il-konfiska taghha mhiex applikabbli fil-kaz odjern stante li ma irrisultax li ebda refurtiva kiener ser tingar permezz taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------